# Id-Djalett tar-Raħal Tagħna

*Kitba Ruben Farrugia*

B'mod sempliċi wieħed jista' jiddefinixxi d-djalett forma ta' lingwa li hija marbuta ma' post jew komunità partikulari. Id-djaletti huma preżenti f'kull lingwa u mhux fil-Malti biss iżda fil-każ ta' pajjiżna, l-istudjużi juru stagħġib kif fi gżira daqshekk żgħira, li għaddiet minn ħafna taqlib tul l-istorja tagħha, mhux biss għandha lingwa iżda wkoll numru ta' djaletti mifruxa mal-irħula tagħha.

Ħafna drabi d-djalett ma jgawdix minn prestiġju soċjali għaliex huwa kkunsidrat bħala devjazzjoni min-norma, li fil-każ ta' pajjiżna huwa l-Malti Standard li jiġi mgħallem fl-iskejjel. Fil-fatt f'pajjiżna min jitkellem bid-djalett huwa magħruf fost l-oħrajn li jitkellem 'bl-imgħawweġ' jew li 'jkisser' daqslikieku mhux qed jitkellem kif suppost. Għaldaqstant, din l-idea negattiva mhijiex daqshekk preżenti f'Għawdex għaliex l-Għawdxin, meta jiltaqgħu ma' Għawdxin oħra, jibqgħu jitkellmu bid-djalett u ma jħossuhomx li qed jiġu ġġudikati b'mod negattiv talli jużawh. Dan jiġri għaliex f'Għawdex id-djalett huwa kkunsidrat bħala xi ħaġa li lill-Għawdxin tagħtihom identità u li tagħżilhom mill-Maltin. Numru ta' studji soċjolingwistiċi li saru f'Għawdex jiddeskrivu l-użu tal-'Għawdxi' bħala '*we code*' (Xuereb, 1994). L-ispjegazzjoni ta' dan aktarx ġejja mill-fatt li:

> "Is-soċjetà ta' madwarhom hekk titkellem, hekk kellmithom sa minn ċkunithom u allura, bħala membri tagħha, huma jħossuhom parti minnha proprju billi jitkellmu bl-istess mod bħall-bqija tal-individwi li jagħmlu parti minnha". (Farrugia, 2010: 51-52)

Ta' min jgħid illi minkejja li l-Għawdxin jitkellmu bl-Għawdxi, dawn tal-aħħar huma konxji illi f'din il-gżira mhuwiex biss użat djalett wieħed iżda hemm numru ta' djaletti mifruxa f'kull raħal li huma differenti minn xulxin.

**Id-Djalett ta' Sannat**

F'dan il-kuntest jidħol id-djalett ta' Sannat li huwa wieħed mill-ftit djaletti li ġew studjati s'issa. Id-djalett Sannati għal ħdejn id-djaletti Għawdxin oħra, huwa meqjus bħala dak li jixbah l-iktar il-Malti, daqslikieku huwa l-inqas 'imkisser' jew 'mgħawweġ' mid-djaletti Għawdxin oħra. Fil-fatt, il-kelliema Għawdxin l-oħra jirreferu għal min jitkellem bis-Sannati bħala *tal-pepè* jew *tal-platt ċatt*, jew b'mod inġenerali bħala '*l-Maltin t'Għawdex*'. Dawn l-espressjonijiet juru biċ-ċar din l-idea popolari.

Min-naħa tagħhom, meta l-kelliema tad-djalett Sannati ġew mistoqsija dwar x'jaħsbu dwar id-djalett tagħhom, il-maġġoranza assoluta kienu kburin bih proprju minħabba din il-karatteristika. Fil-fatt uħud mill-espressjonijiet li ntużaw minn dawn l-parteċipanti nsibu: "ma nkissrux", "ma ngħawġux", "jinstema' aħjar", "l-iktar ċar" u "l-iktar pulit". U ladarba l-element ta' 'tkissir' jew 'tagħwiġ' huma assoċjati mal-użu tad-djalett filwaqt li l-'kjarezza' hi sinonima mal-użu tal-Malti Standard, jikkonferma dan kollu. Fi kliem ieħor, l-element ta' kburija jinsab proprju minħabba l-fatt illi 'jixbah' il-Malti.

**Id-Djalett Sannati minn Lenti Lingwistika**

Fuq dawn l-karatteristiċi li ssemmew hawn fuq, għalhekk wieħed jistaqsi, x'inhuwa d-djalett Sannati? U kif inhu differenti mill-bqija tad-djaletti l-oħra, speċjalment dawk Għawdxin? In-nixfa ta' studji fil-qasam tad-djaletti ma jippermettix li dawn il-mistoqsijiet jiġu mwieġba b'mod komplut, għaldaqstant, wieħed jista' jħares lejn is-sistema vokalika tad-djalett Sannati (fi kliem sempliċi, in-numru ta' vokali li huma preżenti fih) sabiex jieħu idea ta' x'jikkonsisti d-djalett Sannati meta wieħed iqabblu mal-Malti



*Figura 1*. Is-sistemi vokaliċi tad-djalett tas-Sannati u tal-Malti Standard rispettivament.

| | |
|---|---|
| /iː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'riga', 'ħadida', 'mira' |
| /ɪː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'saru', 'taru', 'mietu' |
| /ɪ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'tikka', 'xita', 'int' |
| /y/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'tut', 'mietu', 'ħut' |
| /ɛː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'mera', 'dehra', 'xehda' |
| /ɛ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'xeħet', 'beraq', 'debba' |
| /æː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'wied', 'kien', 'mogħoż' |
| /æ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'sema', 'tuta', 'bieba' |
| /ɐː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'ragħda', 'ħaġa', 'bagħatha' |
| /ɐ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'baqa'', 'ramel', 'Margerita' |
| /ɔː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'dak', 'mar', 'dar' |
| /ɔ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'età', 'ma nafx', 'antikità' |
| /ʊː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'rota', 'data', 'raġel' |
| /ʊ/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'botta', 'bolol', 'gost' |
| /uː/ | Bħal meta bid-djalett Sannati ngħidu: 'ħuta', 'lura', 'ħmura' |

Standard.Tabella 1. *Il-ħoss tal-vokali li huma preżenti f'Figura 1, skont kif jinstemgħu fi kliem differenti meta jingħadu bid-djalett Sannati.*

Figura 1 turi illi d-djalett ta' Sannat iħaddan numru ikbar ta' vokali ħdejn il-Malti u d-djalett Naduri. Fil-fatt, fi ħdanu hemm preżenti 15-il vokali għall-kuntrarju tal-11 li juża l-Malti u l-14-il vokali li juża d-djalett Naduri, fejn dan tal-aħħar m'għandux il-vokali /æː/ preżenti. Madankollu, dan ma jfissirx illi d-djalett Sannati għandu xi ħaġa iktar jew inqas mill-Malti Standard jew min-Naduri. Sakemm isiru iktar studji, l-unika ħaġa li wieħed jista' jgħid hija li n-numru tal-vokali huwa wieħed mill-provi tal-uniċità tad-djalett ta' dan ir-raħal.

## Hemm konnessjoni bejn id-djalett Sannati u l-Malti Standard?

Kif intqal qabel, hemm l-idea popolari li d-djalett Sannati huwa dak li joqrob l-iktar lejn il-Malti. Din l-idea tidher l-iktar fil-mod kif dawn il-vokali huma mħaddma fid-djalett tagħna. In-numru tal-vokali huwa l-ewwel prova li d-djalett Sannati huwa differenti mil-Malti iżda l-mod kif ċertu vokali huma mħaddma jidher li jqarrbuh lejh. Għaldaqstant, m'hemm l-ebda prova li hemm xi konnessjoni diretta bejn id-djalett tagħna u l-Malti. Kif jidher mill-eżempji fit-tabella t'hawn fuq, huwa ftit ħafna dak il-kliem li ngħiduh bl-istess mod kif jingħad fil-Malti. Madankollu, hemm xi okkażjonijiet fejn, għal xi raġuni jew oħra, ċertu kliem jingħad bl-istess mod bħal fil-Malti u dan jingħad biss f'dan id-djalett, filwaqt li fid-djaletti Għawdxin l-oħra jingħad b'mod differenti. Dan ġie nnutat l-iktar, meta:

1. Id-distribuzzjoni tal-vokali /ɐ/ tinsab bħala l-unika konsonanti tal-kelma, bħal fi '*platt*', '*ċatt*', '*imradt*', '*ħadt*'. Din id-distribuzzjoni hija l-istess bħal tal-MS, għall-kuntrarju tad-djalett tan-Nadur li, min-naħa tiegħu, fl-istess ambjenti, juża l-vokali /ɔ/.
2. Id-distribuzzjoni tad-dittongi /ɐj/ u /ɛj/. Fi kliem bħal '*bajd*' u '*ċajt*', id-distribuzzjoni fis-Sannati

tixbah lil dik tal-MS filwaqt li n-Naduri juża d-dittong /ɔj/ (Said, 2007, p.27). L-istess jista' jingħad għad-distribuzzjoni tad-dittong /ɛj/ fejn dik tas-Sannati tixbah lil tal-MS. Min-naħa l-oħra fin-Naduri, f'dawn l-ambjenti jiġi użat id-dittong /ɐj/. Għalhekk, kliem bħal '*xejn*', '*bejn*' u '*bennej*', fin-Naduri jingħadu bid-dittong /ɐj/ (ibid).

Bla dubju din id-differenza ma tidhirx biss bejn id-djalett Sannati u dak Naduri. L-istess eżempji li ġew imniżżla hawn fuq, li jinsabu fid-djalett Naduri, huwa magħruf li huma preżenti fid-djalett tar-Rabat, t'Għajnsielem, tax-Xagħra u ħafna oħra. Għaldaqstant, ladarba l-unika djalett Għawdxi ieħor li ġie studjat, apparti d-djalett Sannati, huwa dak Naduri, l-unika eżempji li jistgħu jittieħdu sabiex isir tqabbil bejn id-djalett Sannati u djaletti oħra huwa biss minnu.

Il-punti li ssemmew f'dan l-artiklu huma biss kummenti ġenerali li fuq il-karatteristiċi li aktarx in-nies jinnutaw l-iktar f'dan id-djalett, speċjalment għaliex hemm l-idea li s-Sannati 'jixbah' lill-Malti. Madankollu, dak li jagħmel id-djalett Sannati ma jiqafx fuq dawn l-affarijiet biss. Id-differenzi bejnu u bejn djaletti oħra jidhru wkoll kemm fl-użu ta' ċertu kliem u kif ukoll fil-grammatika (bħal pereżempju meta jintuża tip differenti ta' plural). Studju iktar reċenti jagħti prova li l-istess djalett jagħmel użu minn vokali li huma 'usa'' minn dak tad-djalett Naduri, madankollu dan hu argument ieħor li jistħoqqlu artiklu għalih innifsu. Apparti dan, hemm ukoll l-idea li, fl-antik, in-nies kienu jitkellmu b'mod differenti anki fir-raħal stess. Fil-fatt uħud min-nies anzjani li ġew intervistati fi studju li sar fl-2010 ssuġġerew din l-idea.

Li huwa żgur huwa li d-djalett Sannati huwa djalett li kull min jitkellmu għandu jkun kburi bih mhux għaliex jixbah il-Malti iżda għaliex fl-aħħar mill-aħħar jagħtina identità u jagħżilna mill-bqija ta' kelliema ta' djaletti oħra.

---

**Referenzi:**

Aquilina, J. (1995). Language and Village Dialects. F'L. Briguglio u J. Bezzina (ed.), *Gozo and its Culture*, pp.106-114. *Proceedings of the 1995 Lowenbrau Seminar*. Malta: Formatek Ltd.
Aquilina, J. u Isserlin, B. (1981). A Survey of Contemporary Dialectal Maltese. Volume 1: Gozo. Leeds: Leeds University Press.
Camilleri Grima, A. (2008). Diglossia. Variation on a theme. F'Comrie, B., Fabri, R., Hume, E., Mifsud, M., Stolz, T. & Vanhove, M. (ed.), *Introducing Maltese Linguistics*, pp.379-391. Amsterdam: John Benjamins.
Chambers, J. K. u Trudgill, P. (1998). Dialectology (2ni edizzjoni). Cambridge: Cambridge University Press.
Farrugia, R. (2010). Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett ta' Sannat u s-Sistema Vokalika tiegħu (Teżi tal-Baċellerat). Malta: Università ta' Malta.
Farrugia, R. (2016). Analiżi Akustika u Komparattiva ta' Żewġ Djalett Għawdxin (Teżi tal-Masters). Malta: Università ta' Malta.
Said, M. J. (2007). In-Naduri: Is-Sistema Vokalika u Differenzi Lessikali. Teżi tal-Baċellerat mhux ippubblikata. Malta: Università ta' Malta.
Spagnol, M. u Attard, K. (2014). Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi. Artiklu ppubblikat f'*Leħen il-Malti Għadd 33*, 97-118. Malta: Pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti, l-Università ta' Malta.
Xuereb, J. (1996). A Sociolinguistic Study of select linguistic features in Gozo (Teżi tal-Maġistru). Malta: Università ta' Malta.

**Radd ta' Ħajr**
Nirringrazzja lill-ħabib tiegħi Dr. Michael Spagnol tas-suġġerimenti li tani sabiex jissawwar dan l-artiklu u lill-parteċipanti minn Ta' Sannat u tan-Nadur li ddedikaw ħinhom sabiex jiġu intervistati fl-istudjo tar-radju ta' Sannat u tan-Nadur.

THE DIAMOND
CAFE-BAR
Live Sports
Fish & Chips
Homemade Pies
Xlendi
9.30 am till late all week
Sun 9.30 am till 4 pm
Sunday Roast every Sunday
Robin & Diane
7904 1812
7904 2720
16, Triq Santa Indrija,
Xlendi, Gozo.
dianecharlton@hotmail.co.uk